C/2026/5300

14.10.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12562 – HYPERION / CFA / BOOST AIR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/5300)

1. Fis-6 ta' Ottubru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hyperion Fund, F.C.R. ("Hyperion", Spanja), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Warburg Pincus LLC ("Warburg Pincus", l-Istati Uniti),

— Corporación Financiera Azuaga S.L. ("CFA", Spanja),

— Boost Air Group, S.L. ("Boost Air", Spanja), ikkontrollata minn CFA.

Hyperion u CFA se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Boost Air.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Hyperion huwa fond ta' ekwità privata li jinvesti f'kumpaniji attivi fit-teknoloġija b'użu doppju, fis-setturi tal-ajruspazju, taċ-ċibersigurtà, tal-intelliġenza artifiċjali u tad-difiża,

— CFA huwa grupp finanzjarju speċjalizzat fis-servizzi finanzjarji u ta' investiment.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Boost Air huma dawn li ġejjin: tipprovdi sett koerenti ta' servizzi għall-operaturi fis-settur tal-avjazzjoni u tad-difiża: ġestjoni eżekuttiva tal-inġenji tal-ajru, operazzjonijiet eżekuttivi tat-titjir, servizzi ta' manutenzjoni, forniment u manutenzjoni tal-ispare parts, kif ukoll servizzi anċillari.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12562 — HYPERION / CFA / BOOST AIR

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË